SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

16 ta' Ottubru 2008 *

Fil-Kawża C-136/07,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fis-7 ta' Marzu 2007,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn H. Støvlbæk u R. Vidal Puig, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn M. Muñoz Pérez, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J. C. Bonichot, K. Schiemann (Relatur), P. Kūris u L. Bay Larsen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi ma adottax, f'dak li jirrigwarda l-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta'

edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU 1989, L 19, p. 16), u mad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimentata d-Direttiva 89/48 (ĠU L 209, p. 25), ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dawn id-direttivi.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

Id-Direttiva 89/48

2 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/48 jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

a) diploma: kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali jew kull sett ta' dawn id-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn:

— li ngħatat minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, maħtur[a] skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi proprji;

— li turi li t-titolari ikun ikkompleta b' suċċess kors post-sekondarju ta' mill-inqas tliet snin, jew ta' dewmien ekwivalenti part-time, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew stabbiliment ieħor ta' livell simili u, meta approprjat, li huwa jkun ikkompleta b' suċċess it-taħriġ professjonali meħtieġ minbarra il-kors post-sekondarju, u

— li turi li t-titolari jkollu l-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata f' dak l-Istat Membru,

sakemm l-edukazzjoni u t-taħriġ ivverifikati mid-diploma, iċ-ċertifikat jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali jkunu ġew irċevuti prinċipalment fil-Komunità, jew [sakemm] it-titolari tagħhom ikollu tliet snin esperjenza professjonali iċċertifikata mill-Istat Membru li rrikonoxxa diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali ta' pajjiż terz.

[…]

ċ) professjoni regolata: l-attività professjonali regolata jew sensiela ta' attivitajiet li jikkostitwixxu din il-professjoni fi Stat Membru;

d) attività professjonali regolata: attività professjonali, sa fejn il-bidu jew it-twettiq ta' din l-attività jew waħda mill-modi tat-twettiq tagħha fi Stat Membru hija soġġetta, direttament jew indirettament permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' diploma. […]

[…]”

3 L-Artikolu 2 tal-istess direttiva jipprovdi:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull ċittadin ta’ Stat Membru li jixtieq iwettaq professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti bħala persuna li taħdem għal rasha jew bħala persuna impjegata.

Din id-Direttiva m’għandhiex tapplika għal professjonijiet li huma s-suġġett ta’ Direttiva separata [speċifika] li tistabbilixxi arranġamenti għar-rikonoxximent reċiproku ta’ diplomi mill-Istati Membri.”

4 L-Artikolu 3(a) tal-istess direttiva jipprovdi:

“Meta, fi Stat Membru ospitanti, il-bidu jew it-twettiq ta’ professjoni regolata huwa soġġett għall-pussess ta’ diploma, l-awtorità kompetenti ma tistax, fuq il-bażi ta’ kwalifiki inadegwati, tirrifjuta li tawtorizza ċittadin ta’ Stat Membru milli jibda jew iwettaq dik il-professjoni bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini proprji stess:

a) jekk l-applikant għandu d-diploma meħtieġa fi Stat Membru ieħor għall-bidu jew it-twettiq tal-professjoni inkwistjoni fit-territorju tiegħu, u din id-diploma tkun ingħatat fi Stat Membru […]”

5 Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/48:

"Minkejja l-Artikolu 3, l-Istat Membru ospitanti jista' wkoll jitlob lill-applikant:

[…]

b) jikkompleta perjodu ta' addattament li ma jaqbiżx it-tliet snin jew jieħu aptitude test:

— meta l-kwistjonijiet koperti bl-edukazzjoni u t-taħriġ li huwa rċieva kif stabbilit fl-Artikolu 3(a) u (b), jvarjaw sostanzjalment minn dawk koperti mid-diploma meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti […]

— […]"

Id-Direttiva 92/51

6 It-terminu “diploma” huwa ddefinit fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 92/51 kif ġej:

“[…] kull prova ta’ edukazzjoni u taħriġ jew kull sett ta’ din il-prova:

— li tkun ingħatat minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, maħtur[a] skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta’ dan l-Istat,

— li turi li t-titolari jkun ikkompleta b’suċċess:

i) jew kors post-sekondarju ta’ xorta oħra minn dak imsemmi fit-tieni inċiż ta’ l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48/KEE, ta’ mill-inqas sena tul ta’ żmien jew ta’ tul taż-żmien ekwivalenti fuq bażi part-time, li waħda mill-kondizzjonijiet tad-dħul għalih tkun, bħala regola ġenerali, il-kompletazzjoni b’suċċess tal-kors sekondarju meħtieġ sabiex jintlaħaq id-dħul f’università jew f’edukazzjoni ogħla, kif ukoll it-taħriġ professjonali li jista’ jkun meħtieġ b’żieda għal dak il-kors post-sekondarju;

ii) jew wieħed mill-korsijiet ta’ edukazzjoni u taħriġ fl-Anness Ċ, u

— li juri li t-titolari għandu l-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata f'dak l-Istat Membru,

sakemm l-edukazzjoni u t-taħriġ ċertifikati b'din il-prova ittieħdu prinċipalment fil-Komunità, jew barra mill-Komunità fi stabbilimenti tat-tagħlim li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru, jew [sakemm] t-titolari tagħhom għandu tliet snin esperjenza professjonali ċċertifikata mill-Istat Membru li rrikonoxxa prova ta' pajjiż terz ta' edukazzjoni u taħriġ.

[…]"

7 L-Artikolu 1(e) u (f) tad-Direttiva 92/51 fih id-definizzjonijiet li ġejjin:

"e) professjoni regolata: l-attività professjonali regolata jew il-firxa ta' attivitajiet li jikkostitwixxu din il-professjoni fi Stat Membru;

f) attività professjonali regolata: attività professjonali li l-bidu jew it-twettiq tagħha, jew waħda mill-modi ta' twettiq tagħha fi Stat Membru, hija soġġetta, direttament

jew indirettament, permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' prova ta' edukazzjoni u taħriġ jew ċertifikat ta' kompetenza. […]"

8 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 92/51 jipprovdi li din id-direttiva m'għandhiex tapplika, b'mod partikolari, għall-professjonijiet li jkunu s-suġġett ta' direttiva speċifika li tistabbilixxi rikonoxximent reċiproku ta' diplomi mill-Istati Membri.

9 Skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva:

"Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 89/48/KEE, meta, fi Stat Membru ospitanti, l-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata huwa soġġett għall-pussess ta' diploma, kif definit f'din id-Direttiva jew fid-Direttiva 89/48/KEE, l-awtorità kompetenti ma tistax tirrifjuta, fuq bażi ta' kwalifiki mhux adegwati, li tawtorizza ċittadin ta' Stat Membru milli jibda jew iwettaq dik il-professjoni bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għaċ-ċittadini proprji tiegħu:

a) jekk l-applikant ikollu d-diploma, kif definit f'din id-Direttiva jew fid-Direttiva 89/48/KEE, meħtieġa fi Stat Membru ieħor għall-bidu jew it-twettiq tal-professjoni inkwistjoni fit-territorju tiegħu, din id-diploma tkun ingħatat fi Stat Membru;

[…]"

10 L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/51 jipprovdi:

"Minkejja l-Artikolu 3, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ ukoll illi l-applikant:

[…]

b) itemm perjodu ta' addattament li ma jaqbiżx it-tliet snin jew jieħu test ta' kapaċità meta:

— il-materji teoretiċi u/jew prattiċi koperti bl-edukazzjoni u t-taħriġ li jkun irċieva kif stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3 ivarjaw sostanzjalment minn dawk koperti bid-diploma, kif definit f'din id-Direttiva jew fid-Direttiva 89/48/KEE, meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti

[…]"

Id-Direttiva 2006/23/KE

11 Fis-17 ta' Mejju 2006 daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2006/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar Liċenzja Komunitarja għall-Kontrolluri tat-Traffiku tal-Ajru (ĠU L 114, p. 22) li l-għan tagħha huwa li jissaħħu l-istandards ta' sigurtà u li tittejjeb l-operazzjoni tas-sistema Komunitarja tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru permezz tal-ħruġ ta' liċenzja Komunitarja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

12 Id-Direttivi 89/48 u 92/51 ġew trasposti fil-liġi nazzjonali Spanjola permezz tad-Digriet Irjali 1665/1991, tal-25 ta' Ottubru 1991 (BOE Nru 280, tat-22 ta' Novembru 1991, p. 37916), u tad-Digriet Irjali 1396/1995, tal-4 ta' Awwissu 1995 (BOE Nru 197, tat-18 ta' Awwissu 1995, p. 25657) rispettivament. Il-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma tidhirx fost il-professjonijiet irregolati fi Spanja, li huma elenkati fl-annessi tal-imsemmija digrieti irjali.

13 L-eżerċizzju ta' din il-professjoni fi Spanja huwa speċifikament irregolat mid-Digriet Irjali 3/1998, tad-9 ta' Jannar 1998, li jirrigwarda l-kwalifika professjonali ċivili u l-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru (BOE Nru 17, tal-20 ta' Jannar 1998, p. 1968).

14 Skont l-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali 3/1998:

"Sabiex il-funzjonijiet ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fis-settur ċivili jiġu eżerċitati bħala professjoni, huwa neċessarju l-pussess ta' kwalifika professjonali fl-avjazzjoni

ċivili ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, kif ukoll il-liċenzja u l-kwalifiki korrispondenti, skont il-kundizzjonijiet previsti minn dan id-digriet irjali."

15 L-Artikolu 2 tal-imsemmi digriet irjali jipprovdi:

"Għall-finijiet tad-Digriet Irjali preżenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: kwalifika professjonali fl-avjazzjoni ċivili ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru: id-dokument maħruġ mid-Direzzjoni ġenerali tal-avjazzjoni ċivili li jiċċertifika li t-titolari tiegħu segwa b'suċċess it-taħriġ bażiku għal kontrollur tat-traffiku tal-ajru.

Liċenzja: dokument maħruġ mid-Direzzjoni ġenerali tal-avjazzjoni ċivili li jiċċertifika li t-titolari tal-kwalifika professjonali fl-avjazzjoni ċivili ta' kontrollur tat-traffiku jista' jeżerċita l-funzjonijiet li huma inerenti għal din il-kwalifika u li għalihom huwa kkwalifikat. Il-kwalifiki tat-titolari, kif ukoll eventwali restrizzjonijiet u ċ-ċertifikat ta' kapaċità fiżika u psikoloġika neċessarja għall-implementazzjoni tagħhom jinsabu f'dokument anness.

Kwalifika: dokument maħruġ mid-Direzzjoni ġenerali tal-avjazzjoni ċivili u assoċjat ma' liċenzja, li fih huma ppreċiżati ċ-ċirkustanzi, il-kundizzjonijiet u, jekk ikun il-każ, ir-restrizzjonijiet relattivi għall-eżerċizzju ta' ċerti funzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru."

16 L-Artikolu 3 tal-istess digriet irjali jistabbilixxi l-kundizzjonijiet sabiex wieħed jikseb il-kwalifika ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru kif ġej:

"1. Il-kisba tal-kwalifika professjonali fl-avjazzjoni ċivili ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru hija suġġetta għall-ikkompletar ta' taħriġ bażiku għal kontrollur tat-traffiku tal-ajru li jitwettaq skont il-programmi uffiċjali, li jinkludu konoxxenza teoretika u prattika tal-liġi dwar l-avjazzjoni kif ukoll tar-regoli tat-traffiku tal-ajru, tat-tagħmir tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, konoxxenza ġenerali tal-ajrunawtika, tal-fatturi umani, tal-meteoroloġija, tan-navigazzjoni u tal-proċeduri operattivi.

2. Sabiex isegwu t-taħriġ bażiku, il-kandidati għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Livell ta' studju meħtieġ: il-kandidati għandhom ikunu fil-pussess ta' diploma universitarja uffiċjali tal-ewwel jew tat-tieni ċiklu, jew ikun ikkompleta l-ewwel ċiklu komplet ta' studji universitarji ta' livell superjuri.

b) Il-kandidati għandhom jitkellmu u jiktbu b'mod prattiku l-Ispanjol u l-Ingliż mingħajr ma mill-espressjoni orali jirriżultaw diffikultajiet li jistgħu jkunu ta' xkiel għall-komunikazzjonijiet radju-telefoniċi.

c) Il-kandidati għandhom jiksbu ċ-ċertifikat ta' kapaċità psikoteknika, fiżika u psikoloġika korrispondenti."

17 L-Artikolu 4 tad-Digriet Irjali 3/1998, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kisba tal-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, jipprovdi kif ġej:

"Il-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru tingħata lill-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) ikunu għalqu 21 sena;

b) ikollhom kwalifika professjonali fl-avjazzjoni ċivili ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru;

c) ikunu kkompletaw it-taħriġ teoretiku u prattiku meħtieġ għall-kisba ta' waħda mill-kwalifiki msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan id-digriet irjali;

d) ikunu kkompletaw b'mod sodisfaċenti u taħt is-sorveljanza ta' kontrollur ikkwalikat maħtur għal dan il-għan, perijodu ta' prova ta' tliet xhur li jinvolvi l-kontroll tat-traffiku tal-ajru b'mod effettiv. Il-kundizzjoni meħtieġa fil-punt ċ) tal-Artikolu preżenti tista' tiġi sodisfatta matul il-perijodu deskritt f'dan il-punt;

e) ikollhom ċertifikat ta' kapaċità fiżika u psikoloġika validu li għandu jiġġedded minn żmien għall-ieħor."

18 L-Artikolu 7 tal-imsemmi digriet irjali, li jelenka l-kwalifiki li jirreferi għalihom l-Artikolu 4(ċ) tal-istess digriet, jipprovdi:

"Huma previsti l-kwalifiki li ġejjin:

a) kontroll tal-ajruporti;

b) kontroll tal-approċċ;

ċ) kontroll tal-approċċ bir-radar;

d) kontroll reġjonali;

e) kontroll reġjonali bir-radar."

19 L-Artikolu 6 tal-istess digriet irjali jipprovdi:

"It-titolari ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu d-dritt jeżerċita b'mod professjonali l-funzjonijiet kollha marbuta mal-kontroll tat-traffiku tal-ajru li għalihom huwa kkwalifikat.

Madankollu, dawn id-drittijiet jista' jkollhom xi restrizzjonijiet imposti min-naħa tad-Direzzjoni ġenerali tal-avjazzjoni ċivili minħabba raġunijiet marbuta mal-kapaċità fiżika u psikoloġika jew maċ-ċirkustanzi tekniċi u operattivi li jaffettwaw is-sigurtà fl-ajru".

Il-proċedura prekontenzjuża

20 Fit-8 ta' Novembru 2000, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Renju ta' Spanja fejn hija sostniet li l-kundizzjonijiet għall-aċċess u għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, kif preskritti mid-Digriet Irjali 3/1998, ma kinux kompatibbli mad-Direttivi 89/48 u 92/51.

21 Billi ma kinitx sodisfatta bir-risposta tar-Renju ta' Spanja tat-8 ta' Frar 2001, il-Kummissjoni, fis-26 ta' Lulju 2001, ħarget opinjoni motivata li fiha stiednet lil dan l-Istat Membru jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mal-imsemmija direttivi.

22 Peress li kkunsidrat li r-Renju ta' Spanja ma adottax il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-obbligu tiegħu taħt l-imsemmija direttivi, il-Kummissjoni, fil-11 ta' Frar 2003, ressqet l-ewwel rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

23 B'sentenza tal-14 ta' Otturbru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-55/03), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli peress li l-formulazzjoni tal-ilmenti u d-definizzjoni tas-suġġet tal-kawża, kif ippreżentati mill-Kummissjoni fir-rikors tagħha, kienu nieqsa miċ-ċarezza u l-koerenza, u għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja ma setgħetx tiddeċiedi b'mod utli fuq ir-rikors.

24 Wara diversi skambji ta' ittri bejn il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja sussegwentement għall-għoti tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar'il fuq, li fosthom kien hemm, b'mod partikolari, l-ittra ta' intimazzjoni supplimentari tal-21 ta' Marzu 2005, ir-risposta tar-Renju ta' Spanja tat-23 ta' Mejju ta' wara, it-tieni ittra ta' intimazzjoni supplimentari tad-19 ta' Diċembru 2005 u r-risposta ta' dan tal-aħħar tal-20 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni, fl-4 ta' Lulju 2006, ħarġet opinjoni motivata supplimentari li fiha stiednet lil dan l-Istat Membru jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttivi 89/48 u 92/51 f'terminu ta' xahrejn minn meta jirċievi din l-opinjoni.

25 Billi ma kinitx sodisfatta bir-risposta tar-Renju ta' Spanja għall-imsemmija opinjoni motivata supplimentari, il-Kummissjoni ressqet ir-rikors preżenti.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

26 Il-Kummissjoni tallega ksur kemm tad-Direttiva 89/48 kif ukoll tad-Direttiva 92/51, safejn id-diploma miksuba fi Stat Membru u li ntalab ir-rikonoxximent tagħha fi Spanja tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda minn dawn id-direttivi.

27 Il-Kummissjoni tikkonstata li l-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma tidhirx fil-lista ta' professjonijiet irregolati fi Spanja li tinsab fl-annessi għad-Digrieti Irjali 1665/1991 u 1396/1995. Issa, huwa evidenti li din il-professjoni hija "professjoni rregolata"fis-sens tad-Direttivi 89/48 u 92/51, peress li l-kwalifiki kollha neċessarji sabiex wieħed jeżerċita din il-professjoni fi Spanja jikkostitwixxu "diploma" fis-sens ta' kull waħda minn dawn id-direttivi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa inġust li din il-professjoni mhijiex koperta mill-mekkaniżmu ta' rikonoxximent tad-diplomi u tat-taħriġ professjonali akkwistati fl-Istati Membri l-oħra kif previst mill-imsemmija Digrieti Irjali.

28 Skont il-Kummissjoni, il-fatt li d-Direttiva 2006/23 tista' tiġi kkunsidrata bħala "direttiva speċifika", fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttivi 89/48 u 92/51, mhuwiex rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Peress li t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/23 ġie stabbilit għas-17 ta' Mejju 2008 skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tagħha, l-Istati Membri huma marbuta sabiex, qabel din id-data, jirrikonoxxu d-diplomi maħruġa fl-Istati Membri l-oħra skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 89/48 u 92/51.

29 Ir-Renju ta' Spanja jwieġeb li dawn id-direttivi tal-aħħar mhumiex applikabbli f'dak li jirrigwarda l-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru peress li fi Spanja ma teżistix "diploma", fis-sens tal-imsemmija direttivi, li tippermetti, fiha nnifisha, li tiġi eżerċitata din il-professjoni. Hija biss il-kisba tal-kwalifiki kollha ddefiniti li tippermetti l-eżerċizzju tagħha.

30 F'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2006/23, ir-Renju ta' Spanja jsostni li l-adozzjoni ta' din id-direttiva speċifika turi li, qabel, id-dritt Komunitarju ma kienx joffri strumenti adegwati sabiex jigi ggarantit il-moviment liberu tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u ma kienx jimponi fuq l-Istati Membri r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali f'dan is-settur. Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet imposti mill-Istati Membri sabiex tkun eżerċitata l-attività ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma setgħux jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri skont id-Direttivi 89/48 u 92/51.

31 Barra minn hekk, l-imsemmi Stat Membru jsostni li l-eżerċizzju effettiv tal-attività ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fi Spanja huwa suġġett, barra kundizzjonijiet oħra, għall-kisba ta' kwalifika, ta' natura lokali, marbuta mas-settur konkret fejn din l-attività se tiġi eżerċitata (kontroll ta' ajruporti, kontroll reġjonali eċċ). B'hekk, lanqas il-persuni li kisbu fi Spanja taħriġ professjonali li jikkorrispondi għall-attività ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma jistgħu jeżerċitaw din l-attività fi kwalunkwe settur tat-territorju nazzjonali, iżda jkollhom jiksbu tali kwalifika lokali. Minħabba l-eżistenza ta' din il-kwalifika speċifika, huwa *a fortiori* impossibli li persuna li tkun ikkompletat taħriġ fi Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi awtorizzata sabiex teżerċita din l-attività fi Spanja.

32 Fir-rigward ta' dan l-argument tal-aħħar, il-Kummissjoni ssostni li n-natura "lokali" jew "speċifika" ta' ċerti kwalifiki ma tfissirx li l-professjoni inkwistjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala mhux irregolata u, għaldaqstant, eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 89/48 u 92/51. Skont il-Kummissjoni, l-Istat Membru ospitanti jista' jeħtieġ l-ikkompletar ta' perijodu ta' adattament jew li dak li jkun jgħaddi minn test ta' kapaċità qabel ma jattribwixxi tali kwalifika lit-titolari ta' diploma maħruġa fi Stat Membru ieħor, skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttivi.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Fir-rigward tal-argument invokat mir-Renju ta' Spanja li l-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 89/48 u 92/51 peress li mhijiex "professjoni rregolata", fid-dawl tan-nuqqas ta' "diploma", fis-sens ta' dawn id-direttivi, li tippermetti li tiġi eżerċitata din l-attività, għandu jiġi kkonstatat li l-kunċett ta' professjoni rregolata fis-sens tal-imsemmija direttivi joħroġ mid-dritt Komunitarju u li mid-definizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(ċ) u (d) tad-Direttiva 89/48 u fl-Artikolu 1(e) u (f) tad-Direttiva 92/51 jirriżulta li professjoni għandha tiġi

kkunsidrata bħala rregolata meta l-aċċess għall-attività professjonali inkwistjoni jew l-eżerċizzju tagħha jkunu rregolati minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jistabbilixxu sistema li għandha bħala effett li tirriżerva espressament din l-attività professjonali għall-persuni li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet u li tipprojbixxi l-aċċess lil dawk li ma jissodisfawhomx (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2003, Morgenbesser, C-313/01, Ġabra p. I-13467, punt 49).

34 Fil-kawża preżenti, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-eżerċizzju tal-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fi Spanja huwa speċifikament irregolat mid-Digriet Irjali 3/1998 u li huwa rriżervat għall-persuni fil-pussess ta' ċerti kwalifiki maħruġa mid-Direzzjoni ġenerali tal-avjazzjoni ċivili.

35 L-imsemmi digriet irjali jeħtieġ b'mod partikolari, għall-eżerċizzju ta' tali professjoni, il-pussess ta' kwalifika professjonali fl-avjazzjoni ċivili ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru li tiċċertifika li l-titolari tagħha segwa b'suċċess taħriġ bażiku u li huwa, fost kundizzjonijiet oħra, għandu diploma universitarja uffiċjali tal-ewwel jew tat-tieni ċiklu jew li kkompleta l-ewwel ċiklu komplet ta' studji universitarji ta' livell superjuri fi Spanja.

36 Barra minn hekk, l-aċċess għall-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fi Spanja jeħtieġ, skont id-Digriet Irjali 3/1998, il-kisba ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru li tiċċertifika li t-titolari tal-kwalifika professjonali fl-avjazzjoni ċivili ta' kontrollur jista' jeżerċita l-funzjonijiet inerenti għaliha li għalihom huwa kkwalifikat. Il-kisba ta' tali liċenzja hija, barra minn hekk, suġġetta għall-ikkompletar ta' perijodu ta' prova ta' tliet xhur li jinvolvu l-kontroll tat-traffiku tal-ajru b'mod effettiv.

37 Fl-aħħar, l-imsemmi digriet irjali jipprovdi li huwa neċessarju li jinkisbu l-"kwalifiki" li jippermettu l-eżerċizzju ta' funzjonijiet preċiżi. Dan ifisser dokument marbut malliċenzja li jispeċifika ċ-ċirkustanzi, il-kundizzjonijiet u, jekk ikun il-każ, ir-restrizzjonijiet relattivi għall-eżerċizzju ta' ċerti funzjonijiet ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

L-imsemmija kwalifiki jistgħu jikkonċernaw b'mod partikolari l-kontroll tal-ajruporti, il-kontroll tal-approċċ, il-kontroll tal-approċċ bir-radar, il-kontroll reġjonali u kif ukoll il-kontroll reġjonali bir-radar u jinkisbu permezz ta' taħriġ teoretiku u prattiku.

38 Minn dan jirriżulta li l-eżerċizzju tal-attività ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fi Spanja huwa effettivament irregolat mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jistabbilixxu sistema li għandha bħala effett li tirriżerva espressament din l-attività professjonali għall-persuni li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet u li tipprojbixxi l-aċċess għaliha lil dawk li ma jissodisfawhomx.

39 Konsegwentement, il-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fi Spanja għandha tiġi kkwalifikata bħala professjoni rregolata fis-sens tad-Direttivi 89/48 u 92/51 u għaldaqstant taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

40 Din il-konklużjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni mill-fatt li fi Spanja ma jeżistix taħriġ li jwassal għal diploma waħda li tagħti aċċess għall-eżerċizzju tal-professjoni inkwistjoni.

41 Fil-fatt, mill-Artikoli 1(a) tad-Direttivi 89/48 u 92/51 jirriżulta li l-kunċett ta' diploma jinkludi "kull sett" ta' diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' taħriġ.

42 Barra minn hekk, il-fatt li "diploma" ma tiħux il-forma ta' dokument wieħed, iżda tkun komposta min-numru ta' kwalifiki, ċertifikati jew dokumenti oħra flimkien huwa irrilevanti safejn il-funzjoni essenzjali tal-imsemmija diploma, tkun xi tkun il-forma li tieħu, hija li tikkonstata li l-persuna kkonċernata segwiet b'suċċess ċiklu ta' studji definit li jwassal għall-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex jingħata aċċess għal professjoni

rregolata fl-Istat Membru kkonċernat jew sabiex tiġi eżerċitata (ara, f'dan is-sens, safejn tikkonċerna l-kwalifikazzjoni bħala "diploma" fis-sens tad-Direttiva 89/48 il-konstatazzjoni ta' suċċess fl-eżami tat-tmiem tat-taħriġ, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Burbaud, C-285/01, Ġabra p. I-8219, punt 52).

43 Peress li fi Spanja l-aċċess għall-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru huwa suġġett għall-pussess ta' "diploma" fis-sens tad-Direttiva 89/48, isegwi li, skont l-Artikolu 3 tagħha, l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru ma tistax tirrifjuta li ċittadin ta' Stat Membru ieħor, minħabba nuqqas ta' tali kwalifika, ikollu aċċess għal din il-professjoni jew jeżerċitaha taħt l-istess kundizzjonijiet imposti fuq iċ-ċittadini nazzjonali tiegħu, meta l-kundizzjonijiet elenkati f'dan l-istess Artikolu 3 ikunu sodisfatti.

44 Peress li waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija l-pussess ta' diploma kif iddefinita fid-Direttiva 89/48, il-persuni kkonċernati għandhom għalhekk ikunu segwew b'suċċess ċiklu ta' studji post-sekondarji ta' tul minimu ta' tliet snin.

45 Barra minn hekk, peress li fi Spanja l-aċċess għall-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru huwa suġġett għall-pussess ta' diploma kif iddefinita mid-Direttiva 89/48, isegwi li, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/51, l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat ma tistax tirrifjuta li ċittadin ta' Stat Membru ieħor, minħabba nuqqas ta' tali kwalifika, ikollu aċċess għal din il-professjoni jew jeżerċitaha taħt l-istess kundizzjonijiet imposti fuq iċ-ċittadini nazzjonali tiegħu jekk il-kundizzjonijiet elenkati f'dan artikolu jkunu sodisfatti.

46 Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija l-pussess ta' diploma fis-sens tad-Direttiva 92/51. Id-definizzjoni ta' diploma li tinsab f'din id-direttiva hija iktar wiesgħa minn dik tad-Direttiva 89/48 u, b'mod partikolari, ma teħtieġx li l-persuni kkonċernati jkunu segwew b'suċċess ċiklu ta' studji post-sekondarji ta' tul minimu ta' tliet snin.

47 B'hekk, huma l-Istati Membri li għandhom jipprevedu r-rikonoxximent tad-diplomi li jaqgħu jew taħt id-definizzjoni li tinsab fid-Direttiva 89/48, jew taħt dik li tinsab fid-Direttiva 92/51. Issa, il-leġiżlazzjoni Spanjola ma tipprevedix tali rikonoxximent.

48 Fir-rigward tal-argument tar-Renju ta' Spanja li jirrifjuta tali obbligu ta' rikonoxximent skont l-imsemmija direttivi fid-dawl tal-adozzjoni, f'dan il-qasam, ta' direttiva speċifika, jiġifieri d-Direttiva 2006/23, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

49 Fil-fatt, id-Direttiva 2006/23, adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 80(2) KE, li huwa parti mit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat KE dwar il-politika komuni tat-trasport, tagħmel parti, kif tindika l-ewwel premessa tagħha, mill-kuntest tal-"implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar Ajru Uniku Ewropew". Sabiex tiggarantixxi l-ogħla livell ta' sigurtà, din id-direttiva hija intiża, kif jirriżulta mit-tmien premessa tagħha "li jiġu armonizzati r-rekwiżiti fir-rigward ta' kwalifikazzjonijiet, kompetenzi u aċċess għall-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru". Għaldaqstant, l-Artikolu 1 ta' din l-istess direttiva jistabbilixxi li "[l]-għan ta' din id-Direttiva huwa li jissaħħu l-istandards ta' sigurtà u sabiex titjieb l-operazzjoni tas-sistema Komunitarja tal-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru permezz tal-ħruġ ta' liċenzja Komunitarja ta' kontrollur tat-traffiku ta' l-ajru". Skont l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, huma biss il-kontrolluri tal-ajru li jkollhom liċenzja maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tagħha li jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru. Il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' tali liċenzja huma ddefiniti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/23, filwaqt li l-Artikolu 15 ta' din tal-aħħar jirregola r-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru.

50 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-għan essenzjali tad-Direttiva 2006/23 huwa li tistabbilixxi r-regoli Komunitarji dwar il-kisba u ż-żamma tal-liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, u dan jippermetti li din id-direttiva tiġi kkunsidrata bħala "direttiva speċifika" fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttivi 89/48 u 92/51. Issa, safejn it-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/23 ġie stabbilit, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tagħha, għas-17 ta' Mejju 2008, ir-rikonoxximent minn Stat Membru tad-diplomi u tat-taħriġ professjonali akkwistati fi Stat Membru ieħor u li jagħtu aċċess

għall-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru kellu jitwettaq, bħala prinċipju, qabel din id-data, taħt il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttivi 89/48 u 92/51.

51 Għaldaqstant, l-argument invokat mir-Renju ta' Spanja fuq il-bażi tad-Direttiva 2006/23 għandu jiġi miċħud.

52 Fl-aħħar, għandu jiġi eżaminat l-argument imqajjem mill-imsemmi Stat Membru, li jikkonċerna l-"kwalifika" li, skont l-Artikolu 2 tad-Digriet Irjali 3/1998, hija dokument maħruġ mid-Direzzjoni Ġenerali tal-avjazzjoni ċivili flimkien mal-liċenzja, li jippreċiża ċ-ċirkustanzi, il-kundizzjonijiet u kif ukoll, jekk ikun il-każ, ir-restrizzjonijiet relattivi għall-eżerċizzju ta' ċerti funzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u li jirrigwarda għaldaqstant ċerti suġġetti speċifiċi, bħalma huma l-kontroll tal-ajruporti, il-kontroll tal-approċċ, il-kontroll tal-approċċ bir-radar, il-kontroll reġjonali u l-kontroll reġjonali bir-radar. Peress li tali kwalifika hija ta' natura speċifiki jew lokali, hija tipprekludi, mid-definizzjoni tagħha, ir-rikonoxximent fi Spanja ta' kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor.

53 Huwa importanti li jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li d-Direttivi 89/48 u 92/51 ma jistabbilixxux sistema ta' rikonoxximent awtomatika. Filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt ta' aċċess għall-professjonijiet irregolati, dawn id-direttivi jippermettu, skont l-Artikolu 4 (1)(b) tagħhom, lill-Istat Membru ospitanti li jissuġġetta lill-applikant, ċittadin ta' Stat Membru ieħor, għal perijodu ta' adattament jew għal test ta' kapaċità, b'mod partikolari meta t-taħriġ li jkun irċieva huwa bbażat fuq suġġetti sostanzjalment differenti minn dawk koperti mid-diploma meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti jew meta l-professjoni rregolata f'dan tal-aħħar tinkludi attività jew diversi attivitajiet professjonali rregolati li ma jeżistux fil-professjoni rregolata fl-Istat Membru ta' oriġini jew li ġej minnu l-applikant u din id-differenza bejn l-attivitajiet professjonali fiż-żewġ Stati Membri kkonċernati hija kkaratterizzati minn taħriġ speċifiku differenti (ara, fir-rigward tad-Direttiva 89/48, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-39/07, Ġabra p. I-3435, punt 39).

54 Is-sistema ta' rikonoxximent reċiproku tad-diplomi u tat-taħriġ professjonali stabbilita mid-Direttivi 89/48 u 92/51 ma timplikax li l-kwalifiki maħruġa mill-Istati Membri l-oħra jiċċertifikaw taħriġ analogu jew li jista' jitqabbel ma dak meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti. Fil-fatt, skont is-sistema implementata minn dawn id-direttivi, diploma mhijiex rikonoxxuta fid-dawl tal-valur intrinsiku tat-taħriġ li hija attestazzjoni tiegħu, iżda għax tiftaħ, fl-Istat Membru fejn ingħatat jew fejn ġiet rikonoxxuta, l-aċċess għal professjoni rregolata. Differenzi fit-tul jew fil-kontenut tat-taħriġ miksub fl-Istat Membru ta' oriġini meta mqabbel ma' dak mogħti fl-Istat Membru ospitanti ma jistgħux ikunu biżżejjed sabiex jiġi ġġustifikat rifjut ta' rikonoxximent tal-kwalifika professjonali kkonċernata. L-aktar l-aktar, jekk dawn id-differenzi jkunu ta' natura sustanzjali, l-Istat Membru ospitanti jista' jkun iġġustifikat li jitlob lill-applikant jissodisfa waħda mill-miżuri ta' kumpens previsti fl-Artikolu 4 tal-imsemmija direttivi (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tad-Direttiva 89/48, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio, C-330/03, Ġabra p. I-801, punt 19).

55 Minn dan isegwi li n-natura speċifika jew lokali ta' ċerti kwalifiki li huma meħtieġa, skont l-Artikolu 2 tad-Digriet Irjali 3/1998, minn persuna li tixtieq teżerċita l-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru fi Spanja ma tipprekludix li jsir paragun bejn, minn naħa, il-kompetenzi attestati mid-diplomi jew it-taħriġ professjonali miksub fi Stat Membru ieħor barra r-Renju ta' Spanja bil-għan li tiġi eżerċitata din l-istess professjoni u, min-naħa l-oħra, il-konoxxenzi u l-kwalifiki meħtieġa għall-eżerċizzju ta' din il-professjoni f'dan l-aħħar Stat Membru.

56 Konsegwentement, l-argument invokat mir-Renju ta' Spanja għandu jiġi miċħud.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi kkonstatat li, billi ma adottax, fir-rigward tal-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttivi 89/48 u 92/51, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dawn id-direttivi.

Fuq l-ispejjeż

58 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Renju ta' Spanja tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ma adottax, fir-rigward tal-professjoni ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin u mad-Direttiva tal-Kunsill 92/51/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar it-tieni sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali sabiex tiġi ssupplimentata d-Direttiva 89/48, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dawn id-direttivi.**

2) **Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Firem